SAN LAWRENZ

Il-Minuti tat-tieni laqgħa tas-Seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar il-Ġimgħa 15 ta' Mejju, 2015 fil-5.00 ta' fil-għaxija.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| ***Sindku:*** | Is-Sur Noel Formosa |
| ***Viċi-Sindku:*** | Is-Sur Anthony Formosa |
| ***Kunsilliera:*** | Is-Sur Franco Buhagiar |
| | Is-Sinjorina Carmela Grima |
| | Is-Sur Joseph Michael Cauchi |

***Aġent Segretarju Eżekuttiv:*** Is-Sinjura Josephine Sultana

L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ, is-Sinjorina Renee Formosa kienet skużata.

**1.0 Talba**

Il-laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku, is-Sur Noel Formosa u nbdiet b'talba.

**2.0 Approvazzjoni tal-Minuti tal-aħħar laqgħa**

2.1 Inqraw il-Minuti tal-ewwel laqgħa tal-Kunsill u ġew approvati unanimament mill-membri kollha preżenti u għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

2.2 Il-Kunsillier Franco Buhagiar ġibed l-attenzjoni li l-minuti fuq il-*website* tal-Kunsill m'humiex aġġornati. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-aħjar ħaġa li ssir hi li dik il-*website* ma tibqax tintuża. Imma minflok issir paġna fuq Facebook li tinżamm ħajja u aġġornata kemm jista' jkun u li fiha jsir link għall-*website* tal-Gvern li fiha jittellgħu l-minuti kollha tal-Kunsilli Lokali. Il-membri preżenti qablu ma' dan is-suġġeriment.

**3.0 Korrispondenza**

3.1 *E-mail* mill-Associazione per il-Gemellaggio Colle Umberto fejn stiednu lis-Sindku għall-festi li se jsiru b'konnessjoni mal-10 snin anniversarju tal-ġemellaġġ ġewwa La Ballme de Sillangy fi Franza. Is-Sindku spjega li Colle Umberto, il-post fejn San Lawrenz huwa ġemellat miegħu, huwa ġemellat ukoll mal-Kunsill ta' Bourg Blanc Et COAT Meal fi Bretagne. Din is-sena qed jiċċelebraw l-10 snin ta' ħbiberija u għalhekk ser isiru xi attivitajiet biex jiċċelebraw dan l-avveniment. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jaċċetta din l-istedina u jmur jirrapreżenta l-Kunsill u l-lokalita' ta' San Lawrenz. Il-Kunsill qabel ukoll li l-ispejjeż tal-vjaġġ jitħallsu mill-fondi tal-Kunsill.

SAN LAWRENZ

3.2 *E-mail* mingħand is-Sur Massimo Farrugia mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn bagħat jinformana li uffiċjali pubbliċi eletti kunsilliera fil-Kunsilli Lokali jistgħu jitolbu permess lid-Diretturi rispettivi tagħhom sabiex jattendu laqgħat u attivitajiet oħra b'konnessjoni mar-rwol tagħhom bħala kunsilliera.

3.3 *E-mail* mingħand is-Sur Alfred Camilleri, Segretarju Permanenti, fejn bagħat informazzjoni dwar ħlas ta' *fuel* meta tintuża l-karozza personali fuq xogħol uffiċċjali. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser tiċċekkja jekk din tgħoddx għall-Kunsilliera wkoll peress li daż-żmien il-Kunsilliera jieħdu *allowance*.

3.4 *E-mail* mingħand Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, fejn infurmana li ser issir laqgħa mhar it-Tlieta 19 ta' Mejju, 2015 fil-5.00p.m. dwar it-tqassim ta' Tallinja Cards.

3.5 *E-mail* mingħand is-Sur David Pisani f'isem Clean Food Movement fejn staqsew lill-Kunsill jekk jużax xi tip ta' bexx biex jiġi kkontrollat il-ħaxix ħażin. Dan sabiex ikunu jistgħu jagħmlu mappa u juru fejn ma jintużax bexx. F'dan ir-rigward, is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li hu u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv, qabel il-laqgħa, iltaqgħu mas-Sur Carmelino Gauci, ħaddiem tal-ETC assenjat mal-Kunsill, li bħalissa qed jaqta' l-ħaxix ħażin mill-inħawi ta' Pawluzzu u wara ħa jkompli nħawi oħrajn biex jitnaddfu wkoll mill-ħaxix ħażin. Waqt din il-laqgħa ġie spjegat lis-Sur Gauci r-responsabiltajiet u d-dmirijiet tiegħu fost l-oħrajn. Il-Kunsill iddiskuta l-użu tal-bexx u qabel li m'għandux isir l-ebda tip ta' bexx biex jiġi kkontrollat il-ħaxix ħażin imma dan għandu jinqata' tajjeb.

3.6 *E-mail* mingħand EDIC fejn infurmawna li ser issir laqgħa dwar kif nistgħu nibbenefikaw minn fondi tal-Unjoni Ewropea permezz tal-Programm ERASMUS. Din il-laqgħa ser issir nhar it-Tlieta 2 ta' Ġunju, 2015 fl-10.00 ta' filgħodu fl-NGO Centre x-Xewkija. Għal din il-laqgħa ser tattendi l-Kunsilliera Carmela Grima.

3.7 *E-mail* li s-Sindku, s-Sur Noel Formosa bagħat lill-Onorevoli Segretarju Parlamentari Ian Borġ dwar l-istat ħażin tal-Playing u jekk il-Kunsill jistax jibbenefika minn xi fondi biex ikun jista' jiġi rranġat. L-Onor. Ian Borġ irrisponda li l-aħjar sors għal dan ix-xogħol huwa mill-programm Leader 2014-2020. Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa spjega li Fondi tal-EU bħalissa m'hemmx miftuħa għal dan il-għan, imma ser toħroġ sejħa permezz tal-programm LEADER aktar 'il quddiem. Meta toħroġ l-applikazzjoni għal dawn il-fondi se napplikaw. Huwa qal li jaf persuna li qegħda fuq Fondi tal-EU u qed iżżommu aġġornat jekk joħorġu l-applikazzjonijiet. Huwa kellimha wkoll dwar fondi li l-Kunsill jista' jibbenefika minnhom għaċ-Ċentru Ċiviku.

Dwar iċ-Ċentru Ċiviku saret diskussjoni. Is-Sinjorina Carmela Grima qalet li flok ċ-Ċentru Ċiviku jsir fejn bħalissa hawn l-uffiċċji amministrattiv, hux possibbli li jinxtara post fil-pjazza ħalli aktar ikun ċentrali. Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li ġa saru tentattivi biex jinxtara post fil-pjazza imma kien jiswa ħafna flus. Għall-Kunsill huwa diffiċli ħafna biex jagħmel *loan* biex jinxtara post peress li l-*budget* huwa limitat ħafna. Is-Sindku kompla li l-ħsieb

SAN LAWRENZ

tiegħu huwa li l-iskola ma' tibqax dehra ta' skola imma fin-nofs issir triq, l-iskola ssir separat mit-triq eżistenti u fil-parti fejn illu hemm ħofra jsiru l-bżonnijiet kollha li hemm bżonn għal-lokalita' bħall-Għassa tal-Pulizija, berġa u s'intendi l-uffiċċji amministrattivi. Fuq dan is-suġġett għandha ssir diskussjoni fit-tul. Il-Kunsilliera qablu dwar dan.

3.8 Ċirkulari mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali fejn infurmawna li qed tiġi organizzata inizjattiva li ġġib l-isem ta' Webcheck sabiex tgħin lill-Kunsilli Lokali ta' Malta u Għawdex itejbu l-preżenza tagħhom fuq l-internet. Għal dan il-għan il-Kunsilli qed jiġu mitluba jibgħatu Kunsillier u membru ta' l-istaff li huma relatati mal-kontenut li jittella' fuq l-internet sabiex jattendu seminar ta' siegħa ġewwa l-kwartieri tal-AKL. Dan ser isir nhar il-Ħamis 21 ta' Mejju, 2015 fit-3.00 p.m. Il-Kunsill qabel li ssir talba biex jekk hu possibli dan is-seminar isir wieħed simili Għawdex peress li jikkonċerna lill-Kunsilli Lokali kollha.

3.9 *E-mail* mingħand is-Sur Joe Attard tal-Green mt fejn informa lill-Kunsill li l-ftehim li kien hemm bejn il-Green mt u l-Kunsill Lokali San Lawrenz skada u għalhekk hemm bżonn li jittieħdu l-passi meħtieġa biex isir ftehim ieħor ma' waħda miż-żewġ Skemi Awtorizzati fejn jidħol ġbir ta' skart riċiklabbli. Rigward dan ser issir laqgħa mas-Sur Attard nhar it-Tnejn 18 ta' Mejju, 2015 fl-uffiċċju amministrattiv u għaliha ser jattendu s-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

3.10 *E-mail* mingħand l-Inġinier Joseph Bajada fejn informa lill-Kunsill li minħabba diversi raġunijiet id-Dipartiment ta' l-Indafa Pubblika ma jistax ikopmli joffri s-servizz tal-Bulky Refuse. Saret diskussjoni dwar is-servizz li qed jingħata mill-Kunsill fil-preżent permezz ta' *open skip* kull nhar ta' Sibt. Intqal li għandna niċċekkjaw il-kuntratt sabiex naraw il-ħinijiet ta' dan is-servizz, il-qies ta' l-*skip* u għal kemm żmien kienet ħarġet l-offerta. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ħa tieħu ħsieb tiġbor din l-informazzjoni. Ġie deċiż ukoll li l-Kunsilliera Carmela Grima, għal żmien ta' xahar, tinnota l-użu u d-domanda għal dan l-*skip* biex b'hekk il-Kunsill ikollu stampa ċara ta' l-użu tiegħu. Rigward is-servizz tal-Bulky Refuse se jsir appuntament ma' l-Inġinier Joseph Bajada biex tiġi diskussa din il-materja.

3.11 Ittra mingħand is-Sur Vanni Xuereb, Kap tal-MEUSAC, fejn awgura lill-Kunsill il-ġdid li ġie elett u talab sabiex issir laqgħa mas-Sindku u rappreżentanza mill-Kunsill sabiex tiġi diskussa l-kollaborazzjoni bejn il-Kunsill u dan il-Kumitat li imbagħad tista' tissarraf f'ħidma b'risq il-lokalita' ta' San Lawrenz.

3.12 *E-mail* mingħand Maria Scicluna, f'isem is-Sur Lucien Stafrace mill-MEPA fejn infurmawna li fil-fond hekk imsejjaħ *Urban Improvement Fund* hemm is-somma ta' € 6,924.23c li jista' jagħmel użu minnha l-Kunsill ta' San Lawrenz biex jagħmel proġett ta' tisbiħ fir-raħal.

3.13 *E-mail* mingħand Patsy Chetcuti fejn infurmat lill-Kunsill li hi flimkien ma Dorian Mallia qegħdin iħejju *show* ibbażata fuq il-logħob tradizzjonali Malti. Huma qed jistiednu lill-Kunsill biex ittella' din ir-rappreżentazzjoni f'waħda mill-attivitajiet tiegħu. Huma qed jitolbu s-somma ta' €600 flimkien mal-ispejjeż tal-vapur. Is-Sindku ssuġġerixxa li nistednuhom biex jagħmlu din ir-

rappreżentazzjoni meta jkun hawn id-delegazzjoni mill-Italja f'Awwissu li ġej. Kien hemm qbil u ġie deċiż li nitolbu aktar informazzjoni.

3.14 Memo 10/2015 mid-Dipartiment għall –Gvern Lokali fejn infurmawna li għas-seba' sena konsekuttiva, matul l-2015, ser tingħata għajnuna finanzjarja lill-Kunsilli Lokali li għandhom librerija. Id-Dipartiment se jagħti s-somma sa massimu ta' €600 li tkun ekwivalenti għas-somma maħruġa mill-Kunsill sabiex jinxtraw kotba. Il-Kunsill iddeċieda li jekk m'hemmx bżonn li jinxtraw kotba, għalissa ma nixtrux. Ġie deċiż ukoll li nitolbu lis-Sinjura Carmen Micallef li tieħu ħsieb il-librerija, sabiex tagħmel rapport dwar l-andament ta' l-istess librerija u li jiġi mressaq quddiem il-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

3.15 Ittra mingħand is-Sur Patrick Cassar f'isem il-Kumitat ta' St Laurence Spurs FC fejn qed jitolbu sabiex il-Kunsill jagħti permess sabiex terġa' tiġi nstallata l-*Farsons Vending Machine* li kienet fil-pjazza, fl-istess post fejn kienet dik preċedenti. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li terġa' titwaħħal din il-magna kemm-il darba ma ttellifx l-estetika tal-Pjazza.

3.16 *E-mail* migħand is-Sinjorina Annie Formosa, li bħalissa qegħda fuq l-iskema ral-ETC u tieħu ħsieb l-*Information Centre* fid-Dwejra, fejn ġibdet l-attenzjoni dwar bżonnijiet li dan iċ-ċentru għandu sabiex ikun jista' jiffunzjona aħjar. Fost l-oħrajn issemmew l-użu tat-*toilets*, problema ta' ilma li ġej mir-*restaurant* li hemm maġenb dan iċ-ċentru, bżonn ta' żewġ bibien, dwal li m'humiex jaħdmu sewwa, ismijiet ġodda ta' ħut li hemm esebit, servizz lil *generator*, *signs* fil-pjazza li juru li hemm dan iċ-ċentru, *signs* oħra fil-pjazza li jindikaw fejn hemm il-*public toilets* u tabelli għall-*inland sea* li juri l-partijiet fejn hu *slippery*. Ġibdet l-attenzjoni wkoll dwar l-*air condition* peress li ma jaħdimx.

Il-Viċi-Sindku, is-Sur Anthony Formosa qal li rigward il-problema tat-*toilet*, sid ir-*restaurant* iħallas il-manutenzjoni tal-fossa u jrid li jekk il-Kunsill juża l-istess drenaġġ irid iħallas in-nofs ta' l-ispejjeż meta l-Kunsill qed juża dan is-servizz għal *toilet* wieħed biss. Mid-diskussjoni li saret ġie nnotat li ħafna mill-problemi li hemm iridu jiġu solvuti ma' sid ir-*restaurant*. Għalhekk ġie deċiż li s-Sindku u l-Aġent Segretarju jiltaqgħu mas-Sur Godwin Cassar, sid ir-*restaurant*, sabiex jippruvaw li jinstab xi tip ta' kompromess fuq il-problemi li ssemmew. Jekk ma jinstabx kompromess imbagħad nitolbu lis-Sur Cassar sabiex jiġi waqt laqgħa tal-Kunsill. Sar qbil ukoll biex isiru tabelli fil-pjazza li jindikaw li hemm dan l-*information centre.*

Punt ieħor li tqajjem huwa li għandna nsegwu l-*bye-law* li kienet saret sabiex kull min iżur dan iċ-ċentru jħallas u b'hekk jiġu koperti spejjeż li jikkonċernaw l-istess ċentru. Dwar il-*generator* intqal li għandna nsibu lil xi ħadd biex jagħtih *service* u meta jispiċċa ġie deċiż li nixtru d-dawl mingħand il-parroċċa peress li fuq il-kappella ta' Sant'Anna hemm il-pannelli solari. Ġie deċiż ukoll li jsiru sinjali fejn dawk il-partijiet li huma *slippery* u kemm jista' jkun ikunu ta' kulur aħmar u ssir tabella kbira fejn jingħad li huwa ta' periklu li taqbeż minn fejn hemm it-tieqa u li meta jkun il-maltemp ħadd ma' għandu jersaq qrib ix-xifer tal-blat.

3.17 *E-mail* mingħand is-Sinjura Eileen Vella mill-*Health Promotion Unit* fejn infurmat lill-Kunsill li dan id-Dipartiment joffri serje ta' taħdidiet ta' kif wieħed jista' jieħu ħsieb saħħtu u jgħix aħjar. Il-Kunsill qabel li għandna norganizzaw taħdidiet simili għar-residenti u għalhekk se nitolbu aktar informazzjoni mingħand is-Sinjura Vella. Għal dawn it-taħdidiet għandha tingħata pubbliċita' tajba sabiex nilħqu lil kulħadd u anke sabiex ikun hemm konkorrenza tajba.

3.18 *E-mail* mingħand Mat Pennell fejn talbu permess biex jagħmlu ċ-ċerimonja taż-żwieġ tagħhom fuq il-blat fejn il-Kappella ta' Sant'Anna. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni sakemm din iċ-ċerimonja se ssir fuq il-blat. Jekk se jintuża t-taraġ, iz-zuntier jew il-kappella għandna niġbdu l-attenzjoni li l-Kunsill m'huwiex l-awtorita' kompetenti biex jagħti dan il-permess.

3.19 *E-mail* mingħand is-Sinjura Michelle Vella, Contracts Manager, fejn tatna informazzjoni dwar x'intefqu flus fuq il-proġett tal-pjazza u tal-isqaqin u x'għad fadal flus li jistgħu jintefqu fuq l-istess proġetti. Mill-informazzjoni li tatna għad fadal madwar €60,000. Għalhekk sar qbil li urġentament għandha ssir laqgħa mas-Sur Richard Cauchi, mal-Perit Edward Scerri, tkun preżenti wkoll is-Sinjura Michelle Vella, kif ukoll is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex naraw x'fadal xogħlijiet pendenti fuq il-proġett tal-pjazza u kif jistgħu jintefqu dawn il-flus li għad fadal. Ġie deċiż ukoll li ssir laqgħa oħra mas-Sinjura Michelle Vella, mas-Sur Joe Grima u mal-Perita Ivana Farrugia dwar il-proġett ta' l-isqaqin. Dawn il-laqgħat għandhom isiru kemm jista' jkun malajr sabiex dawn il-proġetti jkunu jistgħu jiġu konklużi għax marbutin ukoll ma' dati sakemm jistgħu jintefqu dawn il-flus.

Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa nforma lill-Kunsill li kellu laqgħa fejn fiha kien hemm preżenti rappreżentanti mill-MTA, mill-Pulizija, mill-Ministeru għal Għawdex u minn Transport Malta. It-tema prinċipali li ġiet diskussa kienet il-*chaos* tat-traffiku fid-Dwejra.

Is-Sindku qed jipproponi li biex nevitaw dan il-*chaos* għandu jitranġa l-*parking* li hemm int u nieżel in-naħa tax-xellug biex hekk il-*buses* u l-*coaches* ikunu jistgħu jipparkjaw hemmhekk minflok aktar 'l isfel. Il-*hawkers* isibu posthom f'dan il-*parking* ukoll. Imbagħad fil-pjazza tad-Dwejra jitneħħew is-*central strips* li hemm u jsir *parking* għall-karozzi ż-żgħar.

Huwa ftit impossibli li dan isir sas-Sajf li ġej u għalhekk għal dan is-Sajf ser issir aktar sorveljanza mill-Pulizija. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kiteb ittra lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jerġa' jipprovdi t-*toilets* għal matul is-Sajf fil-parti ta' l-*inland sea.*

3.19 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntratt tal-kiri tal-*photocopier* wasal biex jispiċċa. L-istess kumpanija qed toffri li tibdel din il-*photocopier* u ġġib oħra ġdida kważi bl-istess prezz. Ġie deċiż li nitolbu aktar informazzjoni u naraw jekk jaqbilx li nibqgħu bl-istess waħda u naraw jekk il-manutenzjoni tkunx

koperta mill-istess kumpanija peress li issa l-kuntratt wasal fi tmiemu jew jekk jaqbilx li nibdew kuntratt ieħor billi l-kumapnija tibdel din li għandna u ġġib oħra ġdida. Din l-informazzjoni ser tintalab bil-miktub.

3.20 Talba għal *no objection* mingħand diversi *hawkers* li jarmaw fil-Pjazza tad-Dwejra matul il-jiem tax-xhur tas-Sajf. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li dawn il-*hawkers* jarmaw fil-Pjazza tad-Dwejra sakemm dawn ikunu konformi mal-liġi u jkollhom il-permessi meħtieġa mingħand entitajiet oħra bħal permessi mid-Dipartiment tal-Artijiet, tat-Trade, tal-MTA, tal-MEPA u permessi oħrajn li jista' jkun hemm bżonn. Għalhekk lil dawn il-*hawkers* se nagħtuhom *No Objection* b'din il-kundizzjoni tal-permessi.

## 4.0 Pressjoni biex titkompla Triq San Lawrenz u t-Triq tad-Dwejra

4.1 Ġie deċiż li tinkiteb ittra lill-Ministru għal Għawdex, l-Onorevoli Anton Refalo biex jintalab appuntament miegħu ħalli jkun jista' jiġi diskuss miegħu t-tkomplija ta' Triq San Lawrenz u t-Triq tad-Dwejra billi tingħata t-tieni kisja. F'din il-laqgħa se tinġibed l-attenzjoni ukoll dwar dik il-parti tat-triq hekk imsejħa l-Fgura li tinsab fi stat diżastruż.

## 5.0 Fuljett darba fix-xahar

5.1 Is-Sindku ssuġġerixxa u l-Kunsill qabel li filwaqt li nżommu kemm jista' jkun il-paġna ta' Facebook ħajja, għandu jinħareġ fuljett darba fix-xahar b' informazzjoni lill-pubbliku speċjalment għal dawk li ma jużawx kompjuter. Dan il-fuljett se jkun inkarigat minnu s-Sindku u wara li jkun lest, issir *photocopy* tiegħu u jitqassam mal-Bullettin.

## 6.0 Laqgħa mat-Transport Malta

6.1 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa ssuġġerixxa li ssir laqgħa mat-Trasport Malta peress li dan l-aħħar kien hemm xi tibdiliet fil-ħin tar-rotot. Intqal li qabel bejn kull rotta kien hemm intervall ta' madwar 30 minuta u issa iż-żewġ rotot qed jgħaddu b'intervall ta' 10 minuti biss bejniethom b'konsegwenza li r-rotta ta' wara wieħed irid jistenna madwar 50 minuta. Il-Kunsill qabel li nippruvaw li l-intervall bejn kull rotta jerġa' jiġi ta' madwar 30 minuta. Ġie diskuss ukoll nuqqas ta' Bus Stops u dawk eżistenti m'humiex konvenjenti biżżejjed. Sar qbil li għandha ssir Bus Stop faċċata ta' dik eżistenti fi triq faċċata ta' Pawluzzu. Hemmhekk għandha ssir ukoll tabella li tindika għall-bajja tad-Dwejra.

## 7.0 X'Jonqos fil-Pjazza

7.1 Din il-materja ġie diskussa waqt il-korrispondenza.

## 8.0 Camera fil-Pjazza

8.1 Is-Sindku ppropona li jsiru *security cameras* li jkopru l-pjazza kollha. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Is-Sindku ħa jipprova li dan isir bla ebda spejjeż jew spejjeż ridotti peress li hemm xi kumpanija li tipprovdi dan is-servizz. Jekk din il-kumpanija ma taċċettax ser noħorġu kwotazzjonijiet għal dawn is-*security cameras*. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

## 9.0 Safety Barriers

9.1 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa ssuġġerixxa li jsiru *safety barriers* quddiem ir-residenza tas-Sinjura Tereża Żammit ta' Sunshine, Triq il-Duluri, San Lawrenz. Dan għaliex ġa seħħ inċident billi vettura baqgħet dieħla ġo din ir-residenza. Intqal li diġa kien hemm talba biex isiru *safety barriers* pero' ġiet rifjutat peress li l-bankina hija xi ftit dejqa. Intqal ukoll li hemmhekk il-bankina tippermetti li titwessa' ftit. Ġie deċiż li tiġi kkuntattjata r-residenta biex naraw eżatt x'inhi tissuġġerixxi.

9.2 Ġiet issuġġerieta wkoll *safety barrier* oħra fil-kantuniera fejn iċ-Ċentru Parrokkjali, fi Pjazza San Lawrenz k/ma Triq id-Duluri, fejn kien hemm waħda qabel ma beda l-proġett tal-Pjazza. Intqal li din tal-Pjazza għandha tkun taqbel mal-estetika tal-Pjazza u jituża l-istess ħadid li ntuża għall-għamara li saret biex tissebbaħ il-pjazza. Se nippruvaw li ssir mill-fondi li baqa' tal-proġett.

## 10.0 Regolamenti għall-*films* fid-Dwejra

10.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qalet li saret talba mis-Sur Paul Parker sabiex nhar l-Erbgħa 27 ta' Mejju, 2015 isir *filming* fid-Dwejra. Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li tajjeb li jkollna sett ta' regolament għal dan il-għan.

Għalhekk il-Kunsill iddeċieda fuq sett ta' regolamenti li jgħoddu għal kull *film* meta l-*filming* ikun se jieħu żmien ta' ġimgħa jew inqas. B'dawn m'hemmx għalfejn nistennew laqgħa tal-Kunsill biex jingħata l-permess għall-istess *filming*. Pero' f'każ li l-perjodu taż-żmien ikun itwal il-materja terġa' titressaq quddiem il-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' dawn ir-regolamenti li huma dawn:

1. Ma jkunx hemm restrizzjonijiet implimentati fuq min għandu xi attivita' kummerċjali fid-Dwejra jew fuq dawk li jżuru d-Dwejra
2. Jingħabu l-permessi kollha meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti b'mod speċjali l-permessi tal-MEPA
3. Jiġi mħares l-ambjent kif stipulat fil-permessi kollha li jinħarġu għal dan il-*filming*.
4. Il-Kunsill għandu jkun infurmat b'dak li jkun qed jiġri u bit-tibdiliet li jistgħu jsiru.
5. F'każ li jkun hemm bżonn ta' nies biex jaħdmu fil-*film*, il-Kunsill jappreżza li jkun ikkuntattjat biex jgħin jiddentifika persuni li jistgħu jieħdu sehem.

SAN LAWRENZ

## 11.0 Irranġar ta' l-Uffiċċju Amministrattiv u kompjuter għas-Sindku

11.1 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li hemm bżonn li l-uffiċċji amministrattivi jingħataw dehra aħjar. Huwa qal li hemm bżonn li ssir tindifa ġenerali, jinbidlu l-purtieri, manutenzjoni fejn hemm bżonn u anke jinxtara kompjuter ġdid sabiex jintuża minnu għax-xogħol tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir u anke li jinxtara l-kompjuter. Se jinġabru tliet kwotazzjonijiet.

## 12.0 Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv

12.1 Infetħu l-applikazzjonijiet li ġew mitfugħa għall-post vakanti ta' Segretarju Eżekuttiv. Kien hemm tliet applikanti li applikaw li kienu Darren Vella, Terry Ann Sciberras u Daniel Borg. Ser jiġi ċċekkjat mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali jekk dawn kinux eliġibbli sabiex japplikaw u jekk ir-risposta tkun fin-negattiv terġa' tinħareġ l-applikazzjoni mill-ġdid.

## 13.0 Deċiżjoni fuq it-Tender li tikkonċerna d-Dwejra Centre

13.1 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa ddikkjara li huwa ma jistax jieħu sehem fid-diskussjoni dwar dan is-suġġett peress li għandu konflitt ta' interess għaliex is-Sinjorina Annie Formosa, li tiġi oħtu, hija l-persuna li tefgħet din it-*tender*. Għalhekk huwa ħareġ 'il barra mill-uffiċċji amministrattivi sabiex tkun tista' ssir din id-diskussjoni.

Din it-*tender* inħarġet mill-Kunsill preċedenti u bħalma ntqal qabel, persuna waħda biss tefgħet din it-*tender* li hija s-Sinjorina Annie Formosa. Il-Viċi-Sindku s-Sur Anthony Formosa qal li s-Sinjorina Formosa hija persuna kompetenti ħafna għal dan ix-xogħol. Hija ilha tieħu ħsieb dan iċ-Ċentru, taħt l-iskema ta' l-ETC, għal dawn l-aħħar sentejn. Dejjem qdiet dmirha tajjeb, taf tmur man-nies li jżuru dan iċ-ċentru u fuq kollox ħadet interess fix-xogħol li tagħmel.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ukoll ir-rapport tal-Bord tal-Evalwazzjoni ta' din it-*tender*. Inqrat il-konklużjoni li kienet tgħid li wara li l-Bord evalwa l-offerta mitfugħa u li l-istess offerta hija skont ir-regoli kollha meħtieġa, il-Bord jirrakomanda li din l-offerta tingħata lis-Sinjorina Annie Formosa. Il-prezz mitfugħ huwa ta' €13.36c is-siegħa.

## 14.0 Materji Oħra

14.1 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li hemm bżonn ta' żbir ta' siġar madwar ir-raħal kollu. Ġie deċiż li s-siġar li hemm madwar ir-raħal jinżabru barra dawk taż-żebbuġ. Kien hemm suġġeriment biex meta jilħaq iż-żebbuġ, tiġi organizzata attivita' sabiex dan jinqata' minn mas-siġra u hekk isir użu minnu. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment.

SAN LAWRENZ

14.2 Intqal li hemm bżonn li jinqata' l-ħaxix li hemm fi Triq it-Torri u Triq il-Wileġ. Se ngħidu lis-Sur Carmelino Gauci sabiex jaqta' dan il-ħaxix wara li jeħles l-inħawi ta' Pawluzzu.

14.3 Il-Kunsilliera Carmela Grima ssuġġeriet sabiex jiġi organizzat kors tal-kompjuter. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment u għalhekk se jiġi kkuntattjat is-Sur Franklin Cauchi biex naraw jekk hux interessat li joffri dan il-kors għar-residenti.

14.4 Ġie nnotat li ħarġet *tender* għal provvista u installazzjoni ta' *freestanding stainless steel* u *timber feature* għal Pjazza San Lawrenz sabiex ikun jista' jsir *meter* tad-dawl u kwotazzjoni għal provvista u intallazzjoni ta' *solar zebra crossing lights* li għalihom ħadd ma kkwota ebda prezzijiet.

14.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li beda korrispondenza sabiex jinġabru dawk il-flus li l-MEPA għandha tagħti lill-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz marbuta mal-applikazzjoni konnessa mal-Lukanda Kempinski. Huwa nforma li l-flus ilhom se jingħataw mill-1994. Is-somma hija ta' Lm10,000 ekwivalenti għal €23,293. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jekk il-MEPA tibqa' mingħajr ma tgħaddi dawn il-flus, il-Kunsill jikteb lill-Ombudsman biex il-flus jinġġataw bl-imgħax. Il-Kunsill qabel għandna nimxu b'dan il-mod.

14.6 Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li għall-proġett tal-ġemellaġġ li se jsir f'Awwissu li ġej, il-Kunsill ħa s-somma ta' € 12,000 minn fondi ta' l-EU.

## 15.0 Għeluq u data għal-laqgħa oħra

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' fil-għaxija. Id-data ta' laqgħa oħra se tiġi kkomunikata aktar 'il quddiem.

*Noel Formosa*
*Sindku*

*Josephine Sultana*
*Aġent Segretarju Eżekuttiv*